# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A. MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG. JURIS (EU LAW)
MAGISTRAT

Illum 18 ta' Ottubru 2001.

296/01

Il-Pulizija

(Spettur Silvana Agius)
vs
Anthony Grech.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Anthony Grech, ta' 27 sena, bin John u Rita xebba Agius, imwieled Tal-Pieta` fit-13 ta' Novembru 1973, residenti 11, Bordin Street, Msida u/jew Blk 16, Door A, School Street, San Gwann u/jew 64, Triq San Luigi, Paola u/jew Flat 2, St Andrews Qasam tad-Djar (Sant'Andrija), Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 522173(M);

Akkuzat talli fit-3 ta[1] Lulju 2000 gewwa Hal-Qormi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' Lm145 li l-ammont maghmul minnu jammonta ghal aktar minn hamsin lira u mhux aktar minn hames mitt lira

ghad-dannu ta'  George Muscat minn Hal-Qormi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa akkuzat bi truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap 9.

L-imputat volontarjament u inkondizzjonatament ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti rat l-istqarrija u d-dokumenti esebiti in atti u hija tal-fehma li l-kawza hi aktar ta' indole civili milli kriminali.

Ghalhekk u filwaqt li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat issibu hati. Wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tiddeciedi li tilliberah inkondizzjonatament taht id-dispost ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152.

A. M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ittraskrivejt fedelment u onestament r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert Calleja,
Deputat Registratur.